41991D0586

L 315/47 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 15.11.1991

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U R-RAPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI, LI LTAQGĦU FI ĦDAN IL-KUNSILL

tal-11 ta' Novembru 1991

li tissospendi l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, l-Istati Membri tagħha u Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja

(91/586/KEFA, KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ U R-RAPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ, LI LTAQGĦU FI ĦDAN IL-KUNSILL,

Billi l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha temmew mar-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavia Ftehim dwar il-Koperazzjoni u Protokolli u Strumenti relatati, kif ukoll Ftehim dwar prodotti tal-KEFA;

Billi, fid-dikjarazzjonijiet tagħhom tal-5 u tat-28 ta' Ottubru 1991, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iltaqgħu fil-parametri ta' Koperazzjoni Politika Ewropea, taw każ il-kriżi fil-Jugoslavia; billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti esprimew, fir-reżoluzzjoni 713 (1991), il-biża' li d-dewmien f'din is-sitwazzjoni toħloq theddida għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali;

Billi l-insegwiment ta' ostilitajiet u l-konsegwenzi tagħhom fuq ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali, kemm bejn ir-Repubbliki tal-Jugoslavia kif ukoll mal-Komunità, joħolqu bidla radikali fil-kondizzjonijet taħt liema l-Ftehim dwar il-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavia [1] u l-Protokolli tagħha, kif ukoll il-Ftehim dwar il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, kienu konklużi; billi dawn iqajmu l-kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' Ftehim u Protokolli bħal dawn;

Billi l-appell mitfuħ mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iltaqgħu fil-parametri tal-Koperazzjoni Politika Ewropea fis-6 ta' Ottubru 1991 f'Haarzuilens, sejħu għall-ħarsien tal-ftehim tal-waqfien mill-ġlied milħuq f'The Hague fl-4 ta' Ottubru 1991, ma ġiex imħares;

Billi, fid-dikjarazzjoni tas-6 ta' Ottubru 1991, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iltaqgħu fil-parametri tal-Koperazzjoni Politika Ewropea, ħabbru d-deċiżjoni tagħhom biex itemmu l-Ftehim bejn il-Komunità u l-Jugoslavia jekk il-ftehim milħuq f'The Hague fl-4 ta' Ottubru 1991 bejn il-partijiet involuti fil-konflitt, fil-preżenza tal-President tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropew u l-President tal-Konferenza dwar il-Jugoslavja, ma jiġix osservat;

Billi l-Komunità bdiet il-proċeduri neċessarji biex ittemm il-Ftehim imsemmija hawn fuq;

Fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

1. L-applikazzjoni tal-Ftehim msemmija hawn fuq huma hawnhekk sospiżi b'effett immedjat.

2. Din id-Deċizjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Novembru 1991.

Il-President

H. J. SIMONS

[1] ĠU L 41, ta' l-14.2.1983, pġ. 1.